MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru. 221/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Gatt)**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Sandra Lee Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sandra Lee Camenzuli ta' 22 sena bint Anthony u May nee' Caruana, imwielda Awstralja fis-16 ta' Novembru 1978 u residenti 'Adonai' Ckere Engle Street San Ġiljan, detentriċi ta' karta ta' l-identita' bin-numru 107887(M).

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' Jannar 2001 u matul dawn l-aħħar sitt xhur

(a) forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellha fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) u aktar talli saret riċediva b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2001, fol 3; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata li jġib in-numru 1078 tas-sena 1987, fol 4; il-fedina penali ta' l-imputata a fol 5; id-dokument AG li fih il-proces verbal 'Mewt ta' Christopher Lapira fil-fond numru 7 Kensington Court Triq San Timotju Buġibba fis-6 ta' Marzu 2001, l-ewwel parti fiha l-parti tal-fotografija u t-tieni parti fiha l-bqija tax-xhieda illi instemgħu mill-Maġistrat Inkwerenti li kienet il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera; l-istqarrijiet magħmula mill-imputata stess fit-8 ta' Marzu 2001 a fol 8 sa 10 u fit-18 ta' Marzu 2001 a fol 11 sa 15; kif wkoll in-nota ta' osservazzjonijiet li ħejjiet il-prosekuzzjoni li tidher bid-data tat-23 ta' Mejju 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

F'dan il-każ jidher li l-pulizija bdiet l-investigazzjonijiet wara li kien hemm mewta b'overdose ta' Christopher Lapira fil-fond 7 Kensington Court Triq San Timotju Buġibba fis-6 ta' Marzu 2001. Effettivament kienet saret stqarrija minn ċertu Richard Spiteri jew Raquela Spiteri ta' 30 sena li tinsab a fol 59 tal-proces verbal, part I kif diga imsemmi iktar 'l fuq li kien taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera. F'din l-istqarrija ġuramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti, hemm dettalji ta' dak li kien ġara fil-5 ta' Marzu 2001. Richard Spiteri kien qal illi kien jaf li t-tip ta' droga li tieħu l-imputata kienet eroina. Meta kienet mistoqsija dwar il-mejjet, hija qalet li dan ma kienx heroin addict u kienet tafu minħabba li xi tliet xhur ilu, jiġifieri tneħħi 3 xhur mid-19 ta' Marzu 2001 meta saret l-istqarrija, jiġi qisu 19 ta' Diċembru 2000, kienu ħadu ma Richard Spiteri stess id-droga eroina Chris il-mejjet u Sandra Lee Camenzuli. Chris kienet għamlitlu d-deni u beda jirremetti. Dak inhar kienu ħadu d-droga billi ħadu fuq il-foil. Chris kull ma kien ħa kien xi nifs u ġie ħazin ħafna. Sandra kienet ħadet il-heroin billi ttaqbet aktarx għax ma kinitx ċerta x-xhud. Sandra ma ġralha xejn. Id-droga dak inhar kienet ġabitha Sandra pero flus huma lilha ma kienux tawha. Minn fejn

kienet ġabitha ma tafx. Hawn hekk Richard Spiteri ta wkoll in-numru ta’ Sandra Camenzuli li kien Motorola bħal tagħha u kellu n-numru 0944 8519. Meta xehed l-ispettur Sandro Gatt fl-10 ta’ Diċembru 2001, huwa kien qal illi kien bagħat ghall-imputata u meta staqsieha dwar x’kien ġara dak inhar tal-mewt ta’ Christopher Lapira, huwa ma kienx sodisfatt. Effettivament meta xehed l-ispettur Sandro Gatt, huwa qal fil-qosor dak li kienet qalet Richard Spiteri matul l-inkjesta fl-istqarrija tagħha fid-19 ta’ Marzu 2001 a fol 59. A fol 19 huwa rrefera għal dak il-jum meta kienu ħadu d-droga flimkien. Din il-persuna jiġifieri Richard Spiteri kienet aċċettat li tikkonferma dan quddiem il-Maġistrat Scerri Herrera (fol 20). L-ispettur qal li iktar tard kien kellem lill-imputata fit-18 ta’ Marzu ukoll. Fil-kontro eżami l-ispettur Sandro Gatt qal li lill-imputata ma kienx ffaċċjaha b’dak li kienet qalet Raquela Spiteri u kien lil Richard Spiteri kien qed isemmieh propju llum waqt ix-xhieda tiegħu. Huwa imbgħad spjega il-kundizzjonijiet ta’ l-imputata kif kienu dak iż-żmien a fol 22. A fol 23, ix-xhud qal li kien ftakar illi l-imputata kienet marret xi Probation mill-Magistrat li kien qed jippresjedi din il-kawża wkoll. Il-Qorti kif preseduta dak iż-żmien qalet kienet il-kwistjoni għat-traffikar biss għaliex ma kien hemm ebda akkuża ta’ omiċidju fl-imputazzjonijiet.

Ix-xhud Sandro Gatt spjega li kien wasal għal traffikar ghax kienet inqalget il-kwistjoni ta’ l-overdose. Il-Qorti hawn hekk kienet għamlet ukoll aċċenn illi Raquela hija Richard Spiteri sive Raquela. Id-difiza insistiet jekk kienx qal li Richard Spiteri kienu qed jixxerjaw flimkien (fol 24). Iżda ma hemmx risposta ċara għal din il-mistoqsija (fol 25).

Rachel known as Raquela Spiteri sive Richard Spiteri xehed għall-ewwel darba fit-2 ta’ Mejju 2002 a fol 29 et u a fol 30 qalet illi kien hemm okkażżjonijiet li kienu abbużaw id-droga flimkien. A fol 31 Richard Spiteri qal li kienu hu u Sandra u l-mejjet Chris Lapira u dak inhar id-droga kienet ġabitha Sandra Lee Camenzuli li hija l-imputata. Huma kienu ħarquha. Il-Qorti kif kienet preseduta kienet staqsiet min kien ġab id-droga u r-risposta kienet Sandra Camenzuli. Ix-xhud qal li ma kien

ħallas xejn għaliha. Hawn hekk il-prosekuzzjoni rreferiet għax-xhieda ġuramentata li kien hemm quddiem il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera (fol 31).

Ix-xhud kompliet tghid li darba minnhom l-imputata kienet marret wara l-Qorti, u l-imputata kienet qaltilha 'ara tnehhix dik il-bicca ta' meta hadna flimkien u ta' meta kellha tinqeda minghand Gulia' (fol 32). Id-difiza kienet staqsietha fejn kienu meta sar dan il-kliem u ix-xhud kien qal illi sar darbtejn fejn id-Detox u darba id-dar għand ix-xhud stess. Id-difiża staqsiet lix-xhud jekk qattx kien hedded lill-imputata li kien ser jgħid dan il-kliem u x-xhud qal li ma kienx hemm għalfejn jheddiha. Anzi kien mhedded hu għax ma kienx tela' tliet darbiet il-Qorti. Hija wieġbet ukoll li kienet għarusa lil Mark Anthony Cardona li kien mar il-jum ta' qabel ma kienet qed tixhed ġo Għall-Kafe biex jgħidilha ma tixhidx kontra Sandra Camenzuli. Hi kienet toħroġ miegħu u qalet ukoll a fol 33 li kellha messaġġ minghand dan Mark Anthony Cardona fuq il-mobile tagħha. Hija kienet għamlet 4 snin u nofs toħroġ ma dan Mark Anthony Cardona. Ir-relazzjoni spiċċat u kienet l-imputata li bdiet toħroġ ma dan Mark Anthony Cardona. Id-difiża hawn hekk staqsiet jekk xi darba heddet lill-imputata u riditha tħallas lil xi ħadd jismu Natal biex jgħid illi pruvat tkellmu fuq il-każ. Dan ix-xhud ċaħditu. Ix-xhud qalet li ma kellha xejn x'taħbi dwar il-każ. Il-każ tagħha kien inqata' u ma kinitx telgħet qabel għax l-imputata kienet dejjqitha kemm-il darba tgħidilha tara kif jirranġaw.

Xehdet ukoll Natal Bonello. Dan Natal Bonello qal li l-imputata kienet qalet lil Rachel Spiteri 'F'agunija ma tgħinix?' (fol 35). Meta reġgħet l-imputata marret għand ix-xhud Richard Spiteri d-dar, ix-xhud Natal Bonello ma seta' jisma' xejn għax kienet qaltlu biex imur fil-kamra tas-sodda (fol 35).

A fol 40 Raquela Spiteri kkonfermat l-istqarrija li kienet għamlet a fol 59 et u l-Qorti hawn kienet staqsietha 'Jiġifieri inti hawn għidt il-verita lill-pulizija? Dik ikkonfermajtha bil-ġurament?' Ix-xhud wieġbet iva. Issemmi li darba kienet ħadet ma Sandra u ma Chris a fol

41. Lil Chris kienet ghamlitlu d-deni. Imbgħad semmiet illi kien hemm telefonata mingħand Sandra Lee Camenzuli fejn riedet xi flus u qaltilha ma nistax nagħtik daqshekk flus. Qaltilha jekk għandek bżonn xi LM30 nagħtihomlok u dan kien għaliex l-imputata l-methadone ma kinitx laħqitha. Hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsietha 'Meta kellek il-problema tad-droga minn fejn kont iġġibha?' U x-xhud wieġbet 'Gieli ġibtha jiena imma dak inhar ġabitha Sandra'. Il-Qorti staqsiet għad-dati u x-xhud qalet u hawn kienet qed tixhed fid-9 ta' Settembru 2002 , 'Jiena kont nagħmilha magħha qisu sentejn ilu? Sena u nofs?' Hawn hekk il-prosekuzzjoni fakkritha li fl-istqarrija kienet semmiet li xi 3 xhur mill-mewt ta' Lapira u kkwotat eżatt mill-istqarrija. U għall-mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud qalet li tikkonferma l-istqarrija. Hija baqgħet tinsisti li meta ħadet ma Sandra dejjem ħadet b'xejn. Il-bicca l-kbira dejjem hi ġabet id-droga (fol 44). Ix-xhud baqgħet tinsisti illi magha ma tantx ħallset flus kienet. Imbgħad qalet jekk hadt 20 darba ma l-imputata forsi ħallast darbtejn imma l-biċċa l-kbira dejjem b'xejn (fol 45). Ix-xhud għall-mistoqsijiet tad-difiża qalet illi għand l-imputata kienet marret qabel il-każ imma minn meta beda l-każ ma kinitx marret gżandha d-dar. Hawn hekk ix-xhud qalet li l-imputata kienet marret darbtejn fejn l-isptar tkellimha u kienet marret darba d-dar għandha.

Richard Spiteri reġa ttella' jixhed fit-18 ta' Novembru 2005 u l-avukat difensur fakkarha li kienet qalet li ħadet ma Sandra xi 20 darba. A fol 61 qalet li mhux bil-fors ħadet 20 darba u spjegat li jekk ħadet 100 darba forsi ħallast 3 darbiet. Ma jfissirx illi qed tgħid 20 bħala numru jew figura eżatta. U reġgħet qalet l-istess a fol 62. Hija nnegat dak li kien qed jghid l-avukat difensur li hija qatt ma kienet ħadet ma Sandra Camenzuli. U baqgħet tinsisti wkoll a fol 63 illi ma setgħetx tghid illi ma kintix ħadet ma l-imputata. Hawn il-Qorti intervjeniet u staqsietha 'Jiġifieri inti qed tikkonferma li ħadt ma Sandra?' U x-xhud wiegbet iva. U baqgħet tgħid li ħadtu flimkien (fol 63). Imbgħad spjegat a fol 63, ġieli ġibt jiena u ġieli ġabet hi. Ma kinitx tiftakar ezatt. A fol 65, ix-xhud baqgħet tinsisti 'jiena għidtlek jekk ġieli ġabet hi naħseb ġieli ġibt jiena.' Din is-sentenza tidher iktar 'l isfel ukoll u wara li l-

mistoqsija saret mill-Qorti. Ix-xhud insistiet ukoll li meta saret l-istqarrija u hawn stiednet lill-avukat jiċċkkja d-dati, hija u Sandra kienu ħbieb. Imbgħad kienet għaddiet xi sena u kien diġa sar l-istatement u imbgħad hi kienet ħadet il-boyfriend tagħha biex tipprova ġġegħlha tneħħi ċertu evidenza mill-każ. Hawn hekk l-avukat qal li statement ma kien hemm imkien. Pero x-xhud baqghet tinsisti li statement kien fix-xhieda taghha u tista ticcekkja. U baqghet tinsisti li statement suppost kien hemm. (fol 67). Azni a fol 68 hija qalet illi kienet għamlet l-istatement xi sena qabel ma l-imputata ltqagħet ma Mark. U meta sar l-istatement kienet għadha ħbieb ma Sandra Lee Camenzuli.

<u>Xhieda difiża</u>

Xehdet Sandra Lee Camenzuli l-imputata u qalet li kienet walet 18-il xahar Probation permezz ta' sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 2000 din kellha tispiċċalejn Settembru 2001 (fol 72). Hija qalet li kellha relazzjoni tajba ma Carmen Nygaard, il-Probation Officer. Kienet tiltaqa' magħha kull tliet ġimgħat u imbgħad tibda tqassam il-ġranet il-Probation Officer. Il-Probation Officer kienet anke marret id-dar u sabet illi hija kienet clean. Hawn hekk, għall-mistoqsija ta' l-avukat jekk hux veru li kienet ħadet 20 darba d-droga ma Richard Spiteri, l-imputata nnegat (fol 74). Innegat ukoll żewġ kelmiet li hi u Chris u Richard Spiteri kienu ħadu d-droga flimkien. Hija qalet illi lanqas lill-ħabiba tagħha stess ma kienu ħallewha żżomm id-dar. L-imputata wkoll allegat a fol 77 illi ix-xhud kienet anke marret qabdet tagħtiha u marret id-dar ta' omm l-imputata. Richard Spiteri kienet qaltilha wkoll biex lil Mark thallieh. Dan Mark kien l-ex boyfriend ta' Richard Spiteri. Hija qalet le għall-mistoqsija jekk kinitx ħadet id-droga ma Raquela Spiteri. Il-prosekuzzjoni hawn hekk kkwotat fol 32 tal-proċess fejn hemm referenza għal meta hemm allegat li l-imputata marret fuq Richard Spiteri u qaltilha biex tneħħi il-parti li kienu ħadu flimkien. Hawn hekk l-imputata qalet 'Jiena lanqas biss naf bih dan l-istatement.' Il-Qorti hawn hekk qaltilha li dan xehed Richard Spiteri fil-Qorti bil-ġurament fit-2 ta' Mejju 2002. Ix-xhud hawn qalet li ma kintix qed tifhem eżatt (fol 80). A fol 81 qalet illi ma

kellmitx lil Raquela. U baqgħet tgħid li dak iż-żmien kienet qed issegwi probation u allura ma ħaditx droga ma Raquela.

Xehdet Carmen Nygaard il-Probation Officer, u qalet illi fil-fatt kellha żewġ probations, waħda spiċċat fit-2003. Hi kellha relazzjoni tajba ħafna ma Sandra Lee Camenzuli. Qalet ukoll li meta bniedem ikun fil-perjodu tal-probation, his urine tests ikunu pjuttost regolari u jċemplulhom ġurnata qabel biss. Hawn hekk l-avukat staqsieha bejn Marzu 2000 u Jannar 2001 u qalet hekk 'Jiena ma nistax ngħid li qatt ma ħadet droga (fol 87) pero mill-urine tests li kienu spissi għall-bidu, il-perjodu li qed issemmi inti kienet għadha tibda l-probation. Kienu jkunu anke darba kull ħmistax jew tliet ġimgħat. Ġieli kienu jġibuhom wara ġimgħa u imbgħad tħalliehom ħmistax. Fil-każ ta' l-imputata dejjem kienu jkunu clean.' L-imputata kienet ilmentat mal-Probation Officer dwar Raquela pero ma kinitx daħlet fuq din il-ġlieda.

<u>Trattazzjoni</u>

Fit-trattazzjoni, il-prosekuzzjoni b'nota qalet illi mill-provi miġbura jidher illi x-xhud Spiteri telgħet tixhed tliet darbiet. Id-difiża ppruvat timplika li x-xhud kienet xehdet kontra l-imputata minħabba vendetta personali għax l-istess imputata kienet qed toħroġ ma l-ex boyfriend tax-xhud. Il-Qorti stess għamlet il-mistoqsija 'Inti xhedt sempliciment vendetta jew għax kellkom xi tgħidu?' U x-xhud rrispondiet illi l-istatement li kien sar kontra Sandra Lee Camenzuli kien sar madwar sena qabel ma hija ħassret minn mal-boyfriend tagħha. Dwar x'qalet il-probation officer, il-prosekuzzjoni qalet li din ma kinitx f'posizzjoni li tgħid b'ċertezza li l-imputata fil-perjodu taż-żmien minn March 2000 sa January 2001 ma kinitx misset id-droga. Assolutament bhala probation officer ma setgħetx tgħid dan. Il-prosekuzzjoni wkoll insistiet illi taqsam id-droga ma ħaddieħor huwa wkoll reat u qalet ukoll li x-xhud tal-prosekuzzjoni ġie jixhed diversi drabi u baqa' sod fix-xhieda tiegħu.

Id-difiża qalet illi Richard Spiteri kien qed jgħid illi ha diversi drabi droga ma Sandra Lee Camenzuli u li dejjem forniet id-droga Sandra Camenzuli. Sandra Camenzuli kienet fornietu droga bla ħlas. U hawn hekk qal kemm huwa kredibbli li Sandra Camenzuli li ma tantx kellha flus iġġib id-droga u tagħtiha b'xejn lil ħaddiehor. Hawn hekk id-difiża strieħet fuq dak li qalet Carmen Nygaard illi prattikament qalet illi l-imputata kienet klienta eżemplari. L-avukat staqsa lil min għandna nemmnu jekk hux lil Richard Spiteri jew lil Carmen Nygaard, anke jekk ma nagħtux kaz ta' dak li qalet l-imputata. Id-difiza qalet illi ma ġewx elevati siringi u ma gie elevat purament xejn. Lanqas gie ppruvat x'kienet is-sustanza li għaddiet. Illum il-ġurnata l-imputata tidher illi marret għall-aħjar u miexi 'l quddiem u riformata.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Qorti wiżnet sew dak li qalu l-partijiet kollha. Bir-rispett kollu, dan Richard Spiteri, mhux ttella darba iżda ttella tliet darbiet. Issa barra minn hekk dan kien xehed fl-inkjesta a fol 59. Huwa propju din l-inkjesta illi ħafna qishom insew għaliex għadda ż-żmien imma l-istatement qiegħed hawn gol-proces a fol 59 u kien propju għal hekk li ttella mill-prosekuzzjoni dan il-file oħxon, il-proces verbal. Il-prosekuzzjoni riedet turi bic-car x'qal Richard Spiteri fid-19 ta' Marzu 2001 dwar illi tliet xhur ilu, jiġifieri jekk inti tmur tliet xhur qabel, tigi qisu 19 ta' Dicembru 2000, a fol 60, kienu ħadu flimkien l-eroina Chris u Sandra ma Richard Spiteri. Lil Chris kienet għamlitlu d-deni u beda jirremetti. Hawn ukoll li ħadu l-eroina fuq il-foil waqt illi Sandra kienet ħaditha billi ttaqbet. Din tidher illi saret fid-19 ta' Marzu 2001 meta l-affarijiet kienu friski pero l-Qorti rat kemm ix-xhieda ta' Richard Spiteri quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u kif wkoll fil-kontro eżami. Ix-xhieda baqgħet konsistenti. Ix-xhud qalet ukoll illi kienet l-imputata li qaltilha biex tbiddel il-verżjoni tagħha. Il-Qorti rat l-imġieba ta' dan ix-xhud Richard Spiteri u tista tgħid illi tista toqgħod fuqha. Din kienet konsistenti. Konsistenti,

kemm quddiem il-Qorti kif kienet preseduta meta l-beda l-każ u anke quddiem din il-Qorti.

Issa li wieħed iwaħħal fil-kwistjonijiet għaliex l-imputata ħadet il-boyfriend ta' Richard Spiteri, il-Qorti ma hi konvinta assolutament xejn minn dan l-argument. Mhix konvinta minn dan l-argument għaliex jidher li fi żmien l-istatement ma kienx hemm dan id-disgwit u fuq dan il-punt Richard Spiteri insista time and again li ma kien hemm ebda inkwiet dak iż-żmien. Jiġifieri li l-kulur ta' l-istatement ma kienx b'xi mod fid-dubju. Punt ieħor illi tqajjem huwa dwar dak li xehdet Carmen Nygaard. Pero Carmen Nygaard għamlitha cara illi ma setgħetx tgħid 100% illi l-imputata Camenzuli qatt ma ħadet droga taħt il-ħarsien tagħha. Li setgħet tgħid huwa li kull meta għamlet il-urine tests, f'dawn il-urine tests hija ħarġet clean. Imma il-probation officer tkellmet b'mod ċar ħafna fuq dan il-punt illi ma tistax tkun kategorika illi din qatt ma ħadet droga.

Punt ieħor li qajjmet id-difiża kienet il-kwistjoni illi ma ġietx ppruvata illi din kienet droga eroina. Hawn hekk għandna statement illi huwa ġuramentat. L-istatement ġuramentat, skond il-Kap 101 huwa aċċettat bħala parti mill-evidenza. Il-Qorti ma għandhiex ebda raġuni għala dan l-istatement ma taċċettahx jew li jkollha dubju illi ntuzat l-eroina flok xi ħaġa ohra. Id-dettalji li ngħataw juru li dak li jkun jaf eżatt fiuq xiex qed jitkellem u mhux qed jitkellem fuq xi sustanza li hija harmless jew inkella li mhix protetta bil-ligi. Jekk wieħed jeżamina fol 60 fol-proces verbal illi kien ppreżentat mill-prosekuzzjoni fejn fih l-istqarrija ġuramentata ma għandu jkollu ebda dubju dwar dan.

Il-Qorti rat ukoll lil Sandra Lee Camenzuli tixhed. Din kienet weak ħafna kemm meta kien qed jagħmillha l-mistoqsijiet l-avukat tagħha stess fuq l-involviment tad-droga speċjalment f'din il-ġurnata partikolari li qed nitkellmu jiġifieri xi mkien lejn id-19 ta' Dicembru 2000 kif ukoll meta l-prosekuzzjoni bdiet taħhfasha fuq dak li kien qal ix-xhud Richard Spiteri illi l-imputata kienet marret tgħidlu sabiex ibiddel dik il-parti tax-xhieda illi ta quddiem il-Magistrat Inkwerenti, dik il-parti dwar li ħadu d-droga flimkien kif wkoll fejn semma lill-David Gulia. Hawn hekk

Sandra Lee Camenzuli għamlitha ta’ bir-ruħha li ma tafx x’kien qed jingħad u l-Qorti indunat mill-atteġġjament ta’ din l-imputata illi kienet taf x’kien qed jingħad u ma kinitx taf x’ser taqbad tgħid ezatt. Dwar il-punt li qajjmet il-prosekuzzjoni illi s-sharing huwa reat ta’ traffikar, dan huwa hekk, hemm il-kazistika li tgħid hekk time and again illi s-sharing u traffikar u lanqas tbiddel fl-aħħar emendi. L-aħħar emendi li saru fl-2006 kien sempliċiment illi f’ċertu każi il-Qorti tista’ tuza id-diskrezzjoni taghha u ma tapplikax bil-fors il-piena ta’ prigunerija. Fil-fatt il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ewwel imputazzjoni jiġifieri illi offriet jew forniet id-droga eroina lil ħaddiehor gie ppruvat mill-prosekuzzjoni. It-tieni imputazzjoni, dik illi kellha f’idejha d-droga eroina l-imputata, hija ppruvata wkoll. Li ma ġiex ppruvat kien li saret riċediva għaliex ma giet preżentata ebda sentenza li turi ricediva. Minn dik l-imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputata.

Il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), 22(1B), u ir-4 u 6 Taqsima tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta kif wkoll it-Tielet Skeda ta’ l-istess Kap, kif wkoll l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputata ħatja ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, b’dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 17H tal-Kap 9. Il-Qorti qed tillibera lill-imputata mit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti,

Dwar il-piena qieset l-ewwel nett li dan il-każ ilu sejjer ħafna snin, it-tieni li ma jidhirx illi kien hemm iktar reati ta’ din ix-xorta minn dak inhar sa llum, u t-tielet li dan kien jidher li dan kien każ ta’ sharing. Il-Qorti qegħda tqis illi l-każ tas-sharing jaqgħu fil-parametri li huma imsemmijin fid-dati mogħtija fuq nett taċ-ċitazzjoni għaliex din tgħid 19 ta’ Jannar 2001 u matul l-ahhar sitt xhur u dan ifisser li minhabba li fix-xhieda mogħtija minn Richard Spiteri twassal bejn wieħed u ieħor għad-19 ta’ Dicembru 2000, dan ifisser illi l-imputazzjonijiet imsemmija jaqgħu fil-parametri taz-zmien mogħti. Il-Qorti qieset ukoll illi fic-cirkostanzi kollha tal-każ huwa tajjeb li tapplika l-Proviso li

dahal bl-Att XVI tas-sena 2006 u għal hekk qed tikkundanna lill-imputata biex tħallas multa ta' LM250.

Dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, ġaladarba l-esperti li hawn tqabbdu qabel is-16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputata tħallas xejn għall għall-esperti maħtura.  Fl-ahhar nett il-Qorti qed tordna lir-Reġistratur li jekk għad hemm xi droga in konnessjoni ma dan il-każ, allura din għandha tigi distrutta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------